**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Ottubru 2015**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Gur. Nru. 451/12 JZM**

**F.A. Limited (C-38734)**

***kontra***

**Photo Play Malta Limited (C-43358) u Charles Baldacchino (ID 344569M) u Giuseppe Mosciaro (Karta ta` l-Identita` Taljana AK5673580); u b`digriet tas-26 ta` Jannar 2015 gew nominati l-Av. Dr Martin Fenech LL.D. u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina bhala Kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Charles Baldacchino**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta` Mejju 2012 li jaqra hekk :-

*1. Illi s-socjeta` attrici u l-konvenuta Photo Play Malta Limited*

*ikkonkludew ftehim privat datat 18 ta` Marzu 2009, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A', li in forza tieghu s-socjeta` konvenuta kriet minghand is-socjeta` attrici vettura bin-numru ta` registrazzjoni CQZ-253 tal-marka Citroen Nemo kif ahjar kif ahjar deskritta fil-klawsola 16 tal-istess ftehim privat ;*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta naqset milli thallsu numru ta` pagamenti mensili relattivament ghall-vettura msemmija u sal-lum l-ammont dovut mill-intimati jilhaq is-somma ta` €5,433.65 skont statement hawn annessa u mmarkata 'Dok. B' rapprezentanti kera tal-vettura msemmija, multi, VAT u excess, skont it-termini tal-istesss ftehim Dok. A ;*

*3. Illi l-klawsoli 12.1 u 12.2 tal-ftehim Dok. A jipprovdu li, f`kaz li s-socjeta` konvenuta ma tonorax l-obbligi kuntrattwali taghha, is-socjeta` attrici ghandha d-dritt li titlob ix-xoljiment tal-ftehim imsemmi u r-ritorn tal-vettura msemmija ;*

*4. Illi inoltre, in forza ta` l-Artikoli 12.2 u 12.3 tal-ftehim privat imsemmi l-kontendenti ftehmu li, f`kaz li l-konvenuti ma jonorawx it-termini tal-imsemmi ftehim u / jew f`kaz li jitterminaw il-ftehim qabel il-perjodu miftiehem ta` sitt snin (cioe` t-18 ta` Marzu 2015), is-socjeta` attrici ghandha d-dritt titlob il-hlas mill-intimati tat-Total Lease Rate, cioe` l-hlas tal-kera, VAT u excess tax-xhur rimanenti tal-ftehim ;*

*5. Illi ghalhekk, in linea ta` danni pre-likwidati, is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` €17,314.47, b`dan li flimkien mal-arretrati dovuti, l-ammont dovut komplessivament jammonta ghal €22,748.12 ;*

*6. Illi fl-istess ftehim, il-konvenuti l-ohra Charles Baldacchino u Giuseppe Mosciaro dehru mhux biss bhala rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta, izda bhala garanti in solidum ghad-debiti tas-socjeta` konvenuta ;*

*7. Illi ghalkemm debitament interpellati, il-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*8. Illi dan kollu l-esponenti jaf bih personalment ;*

*9. Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom kienu moruzi fil-pagamenti lis-socjeta` attrici, b`dan li ghandhom jiskattaw il-klawsoli 12.1 u 12.2 tal-kuntratt ta` kera tat-18 ta` Marzu 2009, b`dan li l-kuntratt ghandu jitqies terminat ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-debitu dovut lis-socjeta` attrici fl-ammont ta` €5,433.65 ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta` attrici l-ammont ta` €5,433.65 ;*

*4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` €17,314.47 ;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta` attrici l-ammont ta` €17,314.47 ;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati kawtelatorji diga` ntavolati, u bl-interessi kummercjali skont il-Ligi mill-31 ta`Dicembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici.

Rat id-dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Semghet ix-xhieda ta` Andrea Aquilina fis-seduta tat-22 ta` Ottubru 2015.

Billi l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici kienu ppruvati sal-grad rikjest mil-ligi mhux biss bid-deposizzjoni ta` Andrea Aquilina bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici izda u kif ukoll bl-iskorta tad-dokumenti esebiti.

U billi l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici mhumiex kontadetti mill-konvenuti.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti kienu moruzi fil-pagamenti lis-socjeta` attrici, b`dan li ghandhom jiskattaw il-klawsoli 12.1 u 12.2 tal-kuntratt ta` kera tat-18 ta` Marzu 2009, b`dan li l-kuntratt ghandu jitqies terminat.**

**2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma responsabbli ghad-debitu dovut lis-socjeta` attrici fl-ammont ta` hamest elef erba` mija tlieta u tletin Euro hamsa u sittin centezmu (€5,433.65).**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta` attrici l-ammont ta` hamest elef erba` mija tlieta u tletin Euro hamsa u sittin centezmu (€5,433.65) bl-imghax legali b`effett mit-8 ta` Mejju 2012 sad-data tal-effettiv pagament.**

**4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` sbatax-il elf tliet mija u erbatax–il Euro sebgha u erbghin centezmu (€17,314.47).**

**5. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta` attrici l-ammont ta` sbatax-il elf tliet mija u erbatax–il Euro sebgha u erbghin centezmu (€17,314.47) bl-imghax legali b`effett mit-8 ta` Mejju 2012 sad-data tal-effettiv pagament.**

**6. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidament bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-Mandati Kawtelatorji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**